# STATWI U NIĊEĊ TAL-MADONNA

# FIT-TOROQ TAL-QRENDI



minn Tony Terribile

**Fil-programm tal-festa ta' sentejn ilu kont ktibt dwar in-niċeċ ta' l-Assunta li nsibu fit-toroq tal-Qrendi u din is-sena se nitkellmu dwar 12 il-niċċa oħra li jeżistu fil-Qrendi u li huma mwaqqfa f'ġieħ il-Madonna taħt titli diversi.**

L-ewwel waħda nsibuha fi ġnien li jinsab ħdejn il-knisja ta' Santa Katerina, u tid-domina dan il-ġnien, naraw niċċa mwaqqfa f'ġieħ il-Madonna ta' Lourdes.

Fuq dar nru. 41 Triq Santa Katerina naraw niċċa tal-Madonna taċ-Ċintura. In-niċċa hi sempliċi, iżda l-istatwa hi sabiħa. Il-Bambin ma narawhx fuq dirgħajn il-Madonna, iżda mgħolli 'l fuq, fuq kolonna ta' sħab. B'id waħda jidher ibierek u bl-oħra jidher iżomm iċ-ċintura li hi ġejja minn id il-Madonna.

Waħda mill-eqdem niċeċ fil-Qrendi hi żgur dik tal-Madonna tal-Ħniena li naraw f'kantuniera bejn Triq il-Kbira u Triq tal-Ħniena. L-Isqof Alpheran de Bussan kien ta' indulġenzi għal min jitlob quddiemha. Hi statwa tabilħaqq sabiħa b'xogħol artistiku. B'xorti tajba għadha fl-istat oriġinali tagħha billi qatt ma ġiet mimsusa biż-żebgħa. F'kantuniera bejn Triq il-Kbira u Triq id-Dejqa naraw niċċa oħra tal-Madonna ta' Lourdes li tidher li mhix qadima wisq. Fuq kull naħa naraw pilastru li fuqhom jitla' friż li hu mżejjen b'żewġ rużuni żgħar u fuq dan il-friż jitla' frontispizju li jinqata' fin-nofs biex jitla' salib. L-istatwa tal-Madonna fiha xogħol sabiħ ukoll ta' skultura. Interessanti li wieħed josserva li billi din l-istatwa, tinsab f'nofs ta' gallerija tal-ħadid, taħt l-istatwa, bħala parti mill-ħadid tal-gallerija, naraw maħduma Nome di Maria b'disinn tassew sabiħ fil-ħadid stess.

Fuq djar 17-18 Triq tal-Ħniena naraw niċċa tal-Immakulata. Bħala niċċa hi sempliċi, iżda oriġinali hu ċ-ċelu tal-ġebel, imżejjen saħansitra bil-patalotti, li naraw fuq l-istatwa.

Fuq id-Domus Curialis naraw statwa oħra tal-Madonna ta' Lourdes imqiegħda f'niċċa ta' stil sempliċi iżda l-istatwa hi skulturata bis-sengħa.

Fil-Qrendi dejjem laqtitni dik in-niċċa kbira li tinsab fil-bidu ta' Triq il-Kurat Mizzi viċin il-Parroċċa. F'din in-niċċa naraw ukoll ix-xbieha tal-Madonna flimkien ma' San Ġużepp u l-Bambin. Fin-nofs naraw skulturata l-emblema tan-Nome di Maria. Bla dubju hi waħda mill-isbaħ niċeċ, mhux biss tal-Qrendi, iżda ta' dawn il-gżejjer. B'xorti tajba għadha fi stat tajjeb.

Fuq dar nru. 33 Triq il-Parroċċa naraw l-istatwa tad-Duluri, imqiegħda fuq mensola tal-ġebel. Hawnhekk lill-Madonna narawha bilqiegħda b'ħarsitha 'l fuq u b'idejha magħquda ma' xulxin. Hi statwa sabiħa u fuq kollox devota u miżmuma tajjeb.





Riliev antik hu dak li nsibu fuq dar nru. 50 Triq San Nikola. F'dan ir-riliev naraw skulturata lill-Madonna bil-Bambin flimkien ma' erba' puttini jeħilsu l-erwieħ mill-Purgatorju. Hu riliev magħmul minn xi dilettant.

Niċċa oħra tal-Madonna ta' Lourdes insibuha f'nofs il-gallerija tal-Każin tal-Banda. F'għeluq il-mitt sena mid-dehriet tal-Madonna f'Lourdes, jiġifieri fl-1958, l-Arċisqof Gonzi, kien ta indulġenzi għal min jitlob quddiemha.

F'mogħdija li twassal għal knisja tal-Madonna tal-Ħniena, naraw riliev ieħor, iżda dan fih xogħol superjuri għar-riliev l-ieħor li rajna fi Triq San Nikola. F'dan ir-riliev naraw lill-Madonna teħles lill-erwieħ mill-Purgatorju. Żgur li hu xogħol ta' id tajba, għax għalkemm iż-żmien mermer xi partijiet minnha, ix-xogħol tajjeb għadhu jidher, fosthom il-wiċċ artistiku tal-Madonna. Hi ħasra li llum dan ir-riliev hu mitluq u kważi minsi, xieraq li jkun miżmum aħjar. L-aħħar statwa tal-Madonna nsibuha quddiem il-knisja tal-Ħniena. Mgħollija fuq pedistall f'nofs il-misraħ ta' quddiem din il-knisja. Hi l-istatwa tal-Madonna tal-Ħniena, u hi statwa devota u miżmuma tajjeb ħafna.

**Dawn l-istatwi, flimkien ma' l-oħrajn ta' l-Assunta, huma xhieda kemm mill-imgħoddi n-nies tal-Qrendi kienu marbuta mal-Madonna.**

---

# NIFTAKRU FIL-MEJTIN TAGĦNA



Mill-Festa ta' Santa Marija 'l hawn dawn is-Soċi u Benefatturi ħallew din id-dinja. Nitolbu 'l Alla jagħtihom il-Mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi lilhom, jistrieħu fil-Paċi. Hekk Ikun.

Magro Salvu, Magro Joseph, Sciberras Loreto, Magro Carmel, Mallia Wiġi.

---